

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 35/2018

tat-23 ta' Marzu 2018

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2020/52]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1978 tal-31 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali rigward l-ekinodermi miġbura barra miż-żoni tal-produzzjoni kklassifikati ⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1979 tal-31 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman rigward l-ekinodermi miġbura barra miż-żoni tal-produzzjoni kklassifikati ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1981 tal-31 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet tat-temperatura matul it-trasportazzjoni tal-laħam ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji. Il-leġislazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (5) Għalhekk, l-Anness I tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

⁽¹⁾ ĠUL 285, 1.11.2017, p. 3.

⁽²⁾ ĠUL 285, 1.11.2017, p. 6.

⁽³⁾ ĠUL 285, 1.11.2017, p. 10.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 12 (ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 1.1:
“— **32017 R 1979**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1979 tal-31 ta' Ottubru 2017 (ĠU L 285, 1.11.2017, p. 6).”
2. L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 17 (ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1:
“— **32017 R 1978**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1978 tal-31 ta' Ottubru 2017 (ĠU L 285, 1.11.2017, p. 3),
— **32017 R 1981**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1981 tal-31 ta' Ottubru 2017 (ĠU L 285, 1.11.2017, p. 10).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2017/1978, (UE) 2017/1979 u (UE) 2017/1981 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2018, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsimha taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.